**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

51/19

**Il-wieħed u ħamsin (51) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar l-14 ta' Marzu, 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Falzon | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata:
   a. Tender: **SVLC/T/06/2015** – Upkeep and maintenance of all Public Gardens, Play Grounds, playing fields, recreational sites and soft areas.

   b. Urban Green
   c. Attivitajiet: (i) Sports Day
      (ii) Clean Up Day
      (iii) Tberik tal-Annimali.
      (iv) 400 sena mill-Bini tal-Akkwadott

8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

Il-laqgħa bdiet fil-6.30 ta' filgħaxija.

2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti tal-50 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti tal-51 Laqgħa**

2.2.1 **Minuta 3.1.2**- titneħħa parti mis-sentenza "minħabba xi mistoqsijiet li saru minn Heritage Malta" u ssir "ittardja ftit peress li Heritage Malta kienu qed janalizzaw l-akwata".

2.2.2 **Minuta 7(c)** – fl-aħħar sentenza tiżdied il-frażi "bi protesta".

2.2.3 **Minuta 9.8** – jinbidel l-artiku "dal-" u isir "sal-"

3.1. **Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti tal-50 Laqgħa**

3.1.1 **Minuta 3.1.2**– Is-Sindku nforma lill-membri li x-xogħol tal-BOV beda. Huwa nforma lis-Segretarju sabiex nieħdu ħsieb il-planters li hemm tal-Kunsill u l-kaxxa tad-dawl li hemm imwaħħla mal-faċċata tal-bini.

3.1.2 Minuta 4.3 – Is-Sindku nforma lill-membri li il-laqgħa mal-Għaqdiet tal-Volontarjat li kellha ssir fil-25 t'April 2016 ġiet posposta 20 ta' Ġunju 2016.

3.1.3 Minuta 7(c) – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva ittra ta' oġġezzjoni mingħand Coop Services Ltd dwar it-tender tat-Trasport tal-Anzjani. Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill wieġeb għal din l-ittra fejn informa lil Coop Services Ltd li l-offerant rebbieħ ipprovda ir-rekwiżiti kollha mitluba mill-Kunsill.

4 **Korrispondenza**

Ma kien hemm xejn.

5 **Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

**5.1** Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

## 6 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 843 sa lment numru 859.

| | |
|---|---|
| 843 | Grima & Sons Ltd |
| 844 | Ħaddiema Assenjati |
| 845 | Issir verifikazzjoni ma' TM |
| 846 | Contract Manager |
| 847 | Transport Malta |
| 848 | Transport Malta |
| 849 | Contract Manager |
| 850 | Central Asphalt |
| 851 | Niktbu lil TM |
| 852 | Bħal ilment 850 |
| 853 | Issir aktar 'il quddiem |
| 854 | Contract Manager |
| 855 | Ħaddiema Assenjati |
| 856 | Pulizija |
| 857 | Jintbagħat Grima & Sons dwar x'jista' jsir fuq il-post |
| 858 | TM |
| 859 | Grima & Sons Ltd |

## 7. Ordnijiet tal-Ġurnata

*(a)* Tender: **SVLC/T/06/2015** – *Upkeep and maintenance of all Public Gardens, Play Grounds, playing fields, recreational sites and soft areas.*

Wara li nqara r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn il-Membri kienu nfurmati li wara li saret l-intervista' mal-offeranti kollha l-Bord tal-Aġġudikazzjoni qiegħed jirrakkomanda lis-Sur Charles Mifsud minħabba li kellu l-irħas offerta.

Il-Membri qablu unanimament ma din ir-rakkomandazzjoni

**(b) Dokument tat-Tender Urban Green**

Is-Sindku nforma lill-Membri li ftit tal-ġimgħat il-Kunsill iffirma l-MOU tal-*Urban Green* fejn il-Kunsill ser jirċievi madwar €30k mill-Ministeru tal-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima sabiex ikunu imħaddra it-toroq ta' Santa Venera. F'dan ir-rigward is-Sindku spjega li jrid jinħareġ t-tender bl-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa hekk kif diġà imniżżlin.

Il-Membri qablu unanimament.

(c) **Attivitajiet:**

(i) **Sports Day** – Is-Sur Jason Mangani nforma lill-membri li huwa ppjanat li din l-attivita' issir is-Sibt fit-30 t' April 2016. Huwa kompla billi qal li għaddejja diskussjoni sabiex isir użu mill-Kumpless ta' Umberto Calosso. Din l-attivita' ser issir bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill taż-Żgħażagħ u l-Għaqdiet Sportivi Lokali. Is-Sur Mangani spjega li dak in-nhar ser ikun hawn diversi dixxiplini differenti fosthom Futbol, Judo, Table Tennis, Boċċi, Table Futbol u Frame Futbol (fejn ser ikunu mistiedna tfal bi bżonnijiet speċjali).

(ii) **Clean Up Day** – Is-Sur Jonathan Brimmer nforma lill-membri li l-Clean Up Day ser issir is-Sibt 2 t'April, 2016 fejn il-Kunsill taż-Żgħażagħ b'konġunzjoni mas-Sotto Kumitat tal-Kultura u Aġenzija Żgħażagħ ser isir tindif fir-Razzett li hemm ġewwa l-ġnien Romeo Romano. Is-Sur Brimmer informa wkoll li din l-attivita ser tibda fid-9.00am u tintemm għall-ħabta tat-3.00pm. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li għal din l-attivita' il-Kunsill irid jipprovdi l-affarijiet għat-tindif apparti rridu nipprovdu xorb u ikel għal madwar 60 ruħ. Huwa nforma lill-membri li nġiebu l-kwotazzjonijiet għall-ikel mingħand James Caterers, s €212.40, Camilleri & Sons €234,82 u Marija Pastizzeria €120.

F'dan ir-rigward is-Sindku ppropona li jintgħażel Maria Pastizzeria minħabba li hija l-orħos. Is-Sur Brimmer issekonda lis-Sindku filwaqt li l-Membri qablu unanimament.

(iii)**Tberik tal-Annimali** - Is-Sur Darren Carabott informa lill-membri li hu qed jippjana li din l-attivita' ssir fl-24 t'April 2016 f'Misraħ Santa Venera. Is-sur Carabott qal li l-pjan hu li din l-attivita' ssir simili għal dik li saret fl-2014. Is-Sur Silvio Vella ssuġġerixxa jekk tistax tkun ikkunsidrata li din l-attivita' ssir fi Triq il-Kbira San Ġużepp quddiem il-Knisja Parrokkjali sabiex ikun hemm aktar attendenza. Is-Sur Carabott qal li ser iressaq din il-proposta quddiem is-Sotto-Kumitat tiegħu tal-Ħarsien tal-Annimali u jitkellem ukoll mal-Kappillan.

(iv) **400 sena mill-Bini tal-Akkwadott** – Is-Sur Silvio nforma lill-membri li hu sejjaħ laqgħa tas-Sotto Kumitat fejn huwa pjanat li din l-Attivita' issir bejn April u Mejju. Huwa qal li l-Sotto Kumitat irriflettа sew fuq din l-Attivita' u qiegħed jissuġġerixxi sabiex din issir b'kongunzjoni mal-Kunsill ta' B'Kara sabiex b'hekk fl-istess ħin ikun ukoll inawgurat l-Arkata ta' Wignacourt. Is-Sindku ntervjena u nforma lill-Membri li jekk ikun hemm qbil, hu ser jikkomunika mas-Sindku ta' B'kara u jara jekk ikunx hemm qbil għal din il-proposta.

Is-Sindku ppropona din il-proposta ġiet issekondata minn, is-Sur Vella filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**8 Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

**8.1** Is-Sur Silvio Vella poġġa fuq il-mejda l-minuti tal-laqgħa tas-Sotto Kumitat tal-Kultura, Wirt Storiku u l-Ambjent.

**8.2** Is-Sur Jason Mangani poġġa fuq il-mejda l-minuti tal-laqgħa tas-Sotto Kumitat tal-Isports.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**9.1** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li wasal iż-żmien sabiex il-Kunsill jinvesti f'PA System għall-attivitajiet u intercom fejn ikun hemm aċċess biex jinfetaħ il-bieb tal-Kunsill mill-Kamra tas-Segretarju Eżekuttiv, mill-kamra tas-Sindku u mill-Board room.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**9.2** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mill-MEPA fejn ġejna infurmati li fis-6 t'April ser tittieħed id-deċiżjoni dwar il-permess sabiex isir il-Monument ta' Dun Xand Cortis fi Triq Misraħ il-Barrieri.

**9.3** Is-Sindku nforma lill-membri li nħarġu l-permessi sabiex isir tisbieħ tal-playingfield tal-Palazz l-Aħmar. Is-Sindku kompla billi qal li l-Perit tal-Kunsill qiegħed jaħdem fuq it-tender sabiex ikun jista' jiskatta x-xogħol

**9.4** Is-Sindku qal li hu tal-opinjoni sabiex il-kunsill joħroġ tender sabiex jinxtraw Ubars barriers, bollards, fencing u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħadid.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**9.5** Is-Sindku nforma lill-membri li ser isejjaħ laqgħa ta' konsultazzjoni għar-residenti ta Triq it-Turretta u ta' Triq il-Kbira San Guzepp (sa ħdejn il-Bacchetta Magica) dwar in-nar tal-art. Ġie ssuġġerit sabiex din il-laqgħa ssir l-Erbgħa 6 t'April fis-6.30 ta' filgħaxija fil-bini Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**9.6** Is-Sindku nforma lill-membri sa biex titranġa it-traffic island li hemm fi Triq il-Kanun sabiex jiżdied il-parking. F'dan ir-rigward is-Sindku nforma lill-membri li l-ewwel ser jagħmel appuntament mal-Ministru Bartolo.

**9.7** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-Kunsill talab lill-perit tal-Kunsill sabiex issir BOQ dwar il-bankina u it-triq ta' Triq il-Kbira San Ġużepp u rriżulta li l-ispiża hija waħda eċċessiva. Għaldaqstant is-Sindku qal ser jipprova li jagħmel meeting mas-CEO ta' TM sabiex jiġi diskuss x'jista' jsir sabiex din it-triq tiġi rranġta.

**9.8** Għar-rigward ta' xogħol ta' *major patching* fl-akwata li kien ħadem il-Bilom, ġie deċiż sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fit-Triq il-Parata u Triq Emm. Attard.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament

**10 Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 11 t' April, 2016 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-8.30 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 11/04/2016